MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Numru. 480/2005

PULIZIJA
SPETTUR JOSRIC MIFSUD
VS
REBECCA AGIUS
LORENZA FARRUGIA
RITA FENECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Rebecca Agius, ta' 17-il sena, bint Vincent u Liliana nee' Zammit, imwielda Pieta' nhar it-3 ta' Dicembru 1987, u residenti fil-fond Numru 41, Triq iz-Zerniq, St Paul's Bay, u detentrici tal-karta tal-identita' numru 547287(M); Lorenza Farrugia, ta' 59 sena, bint Paul Ciangura u Maria Concetta nee' Camilleri, imwielda Rabat fis-6 ta' Novembru 1945 u residenti fil-fond St.Rita, Mons A Buhagiar Street, Rabat, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 944845(M); kif ukoll Rita Fenech, ta' 41 sena, bint Peter Paul Agius u Carmen nee' Bonnici, imwielda Pieta' nhar it-30 ta'

Settembru 1963, u residenti fil-fond Block A1, Entrance B, Flat 3, Triq id-Dawr, Mosta, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 524263(M);
u akkuzati talli nhar il-25 ta' Mejju 2005, gewwa l-Mosta, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u cioe' 'mobile phone' tal-marka Sharp tip GX25, li jiswa' aktar minn mitt Lira Maltin (Lm100), pero' anqas minn elf Lira Maltin (Lm1000), jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu sabiex ibieghhuhom jew imexxuhom, u dan kollu sar bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Lorenza Farrugia biss, akkuzata talli fl-istess zmien, data u cirkostanzi serqet 'mobile phone' tal-marka Sharp tip GX25, li jiswa' aktar minn mitt Lira Maltin (Lm100), pero' anqas minn elf Lira Maltin (Lm1000), ghad-detriment ta' Michelle Calleja, liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 261(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 16) u tal-imputati (a fol 7, 8 u 9) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-imputata Lorenza Farrugia kienet marret l-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta taghmel rapport ta' malafama ghall-habta tal-hdax ta' filghodu, fil-25 ta' Mejju 2005, u dan ghaliex sid il-hanut Michelle, akkuzatha li hi (Lorenza Farrugia) serqitilha 'mobile' (ara xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud a fol 10 et seq). Dan ir-rapport sar lis-Surgent PS 1174.

L-Ispettur, ghaldaqstant, beda jinvestiga lil Lorenza Farrugia, u gie stabbilit illi l-'mobile phone' tal-marka

GX25 gie misruq lil Michelle Calleja, propjetarja, liema Calleja kienet infatti l-persuna li tiggestixxi hanut gewwa l-Mosta. Spettur Mifsud xehed illi wara l-investigazzjoni li kien ghamel fuq l-istess Lorenza Farrugia, Farrugia kienet infurmat lill-Pulizija li dak il-hin maghha kien hemm certu Rebecca Agius, studenta tahdem maghha. L-Ufficjal Prosekutur investiga lil Rebecca Agius li filfatt kienet tat spjegazzjoni cara ta' dak kollu li gara.

Rebecca Agius stqarret illi kienet giet mitluba minn Lorenza Farrugia sabiex imorru jixtru, dahlu f'certu hanut il-Mosta, u Rebecca Agius innutat illi kien hemm 'telecell' fuq hwejjeg li kienu qeghdin 'on display'. Lorenza Farrugia u Rebecca Agius kienu hargu mill-hanut, it-tfajla Michelle Calleja, sid il-hanut, harget tigri warajhom u talbithom biex jirritornawlha l-'mobile' taghha, li seta' gie mehud minnhom bi zball. F'dan l-istadju, Lorenza Farrugia kienet qaltilha illi huma ma kienu hadu xejn.

Michelle Calleja kienet regghet talbithom l-'mobile' u f'din it-tieni okkazjoni, **Lorenza bdiet tghajjat ma' Michelle Calleja u akkuzatha illi qed timmalafamaha**. Ghaldaqstant, Michelle Calleja regghet irritornat fil-hanut taghha. Rebecca Agius infurmat lill-Pulizija illi kien f'dan l-istadju illi Lorenza Farrugia harget 'mobile' tal-marka Sharp minn gol-basket taghha, u tefghetu f'idejn Rebecca Agius, li kif sabet il-'mobile' f'idejha, keshet, tfixklet x'se taqbad taghmel u ndunat f'dak il-mument illi kien il-'mobile' ta' Calleja.

Lorenza Farrugia tat struzzjonijiet lil Rebecca sabiex tghaddi dan il-'mobile' lil Rita Fenech, waqt li hija (Lorenza) marret l-ghassa **taghmel rapport fuq Michelle Calleja rigwardanti malafama**. Rebecca Agius tat lill-Pulizija l-'particulars' ta' Rita Fenech, li wkoll giet mitkellma mill-Pulizija.

Rita Fenech, fl-istqarrija taghha, stqarret illi kemm Lorenza Farrugia u kif ukoll Rebecca Agius kienu jahdmu fuq il-post tax-xoghol taghha, illi fid-data relevanti, hija (Rita Fenech) kienet irceviet telefonata minghand Lorenza Farrugia, bi struzzjonijiet specifici, u cioe', illi Rebecca

Agius kellha tghaddilha ‘telecell’, u li Rita Fenech kellha zzommilha dan it-‘telecell’.

Fl-istqarrija dokument JM2 a fol 20, Lorenza Farrugia waqt illi tammetti illi kienet serqet il-‘mobile’ mill-hanut fil-Mosta ta’ certu Michelle Calleja, stqarret illi dan is-serq ghamlitu b’komplicita’ ma’ Rebecca Agius, li qaltilha **‘ara sibt ‘mobile’’**, u li Farrugia hallietha tpoggih fil-basket taghha.

Rebecca Agius, fl-istqarrija taghha dokument JM1 a fol 17, tinnega illi hija ndikat lil Farrugia xi ‘mobile’ fil-hanut, u tinnega bl-iktar mod vociferu li hija serqet l-‘mobile’ ta’ Michelle Calleja, jew kienet komplici fis-serq ta’ dan il-‘mobile’ ma’ Lorenza Farrugia. Rebecca tispjega bl-iktar mod car li kienet biss wara z-zewg attentati ta’ Michelle Calleja li tkarrbet ma’ Lorenza Farrugia ghar-ritorn tal-‘mobile’ taghha, li Lorenza Farrugia, **bl-aktar mod sfaccat**, harget il-‘mobile’ misruq, tefghetu f’idejn zballorditi ta’ Rebecca Agius u qaltilha biex tmur taghti l-‘mobile’ lil Rita Fenech. Rebecca Agius xehdet bil-manjiera kif kienet twerwret u ppanikkjat b’dak li kien gralha.

Rita Fenech, fl-istqarrija taghha dokument JM4 a fol 27 et seq, ikkonfermat l-istruzzjonijiet li kienet tatha Lorenza Farrugia, u li Rebecca Agius kienet semplicement ghadditilha l-‘mobile’ u xejn iktar.

PS 1174, a fol 25 et seq, esebixxa l-okkorrenza dokument PS, u **kkonferma illi Lorenza Farrugia kienet marret taghmel rapport dwar malafama.**

WPC 213 Janet Grima, a fol 29, u WPC 31 Susan Muscat a fol 30, ikkonfermaw il-prezenza taghhom fit-tehid tal-istqarriji esebiti.

Michelle Calleja, a fol 36, ikkonfermat ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur dwar is-serq tal-‘mobile’, li kien jiswa mal-mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm125) (ara fol 38), u li rceviet l-ittra dokument MC, a fol 38a, **li hija ittra li titlob**

**skuza ghas-serq tal-'mobile' ndikat minn Lorraine Farrugia**.

Ikkunsidrat:-

Mill-fatti kollha li jemergu mix-xhieda ta' dan il-kaz, huwa evidentissimu illi l-imputata Lorenza Farrugia ddecidiet **di sua sponte** appena pprezentat ruhha l-opportunita', illi tahtaf u tisraq il-'mobile' ta' Michelle Calleja. Dan qed jinghad minhabba l-evidenza sgjaccanti f'dan il-kaz, u wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-manjiera li biha taw it-testimonianza l-protagonisti kollha ta' dan il-kaz.

Illi huwa daqshekk iehor evidenti illi Lorenza Farrugia (li sussegwentement ammettiet u skuzat ruhha mal-istess Michelle Calleja, fl-ittra taghha dokument MC a fol 38a), li kienet **hija** li serqet il-'mobile'; mhux biss kellha malizja bizzejjed biex hatfet l-opportunita' biex taghmel is-serqa minghajr ebda pre-avviz jew konfoffa ma' shabha, **izda kienet stuza bizzejjed biex tghatti ghemiltha billi tiddeciedi li tkun hi li tmur taghmel rapport ta' malafama fl-ghassa tal-Pulizija kontra Michelle Calleja.**

Illi din il-Qorti tifhem illi Rebecca Agius, li kienet tfajla studenta fl-ewwel fazi tax-xoghol taghha fl-iskema student-haddiem, kienet wisq ingenwa ghall-hazen ta' Farrugia, u ma gharfitx izzomm ferm u ippanikkjat. Illi kien f'dawn ic-cirkostanzi biss, u f'biza' tremend, illi Rebecca Agius wasslet il-'mobile phone' misruq lil Rita Fenech, fuq insistenza tal-istess Farrugia.

F'dawn ic-cirkostanzi certament ma jikkonfigurax dak illi l-ligi tirrikjedi, cioe' l-'common design' rikjest f'komplicita' ghal reat ta' ricettazzjoni. Il-gurisprudenza kollha nostrali tesigi illi l-ftehim ghall-assistenza f'delitt irid **isir qabel** u mhux wara li jitwettaq ir-reat (ara Artikolu 42 tal-Kap 9).

Illi di piu', l-Artikolu 334 tal-Kap 9 jipprovdi:

*'Kull min f'Malta, xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa…jew xjentement b'kull mod li jkun jindahal biex ibieghhom jew imexxihom…jehel meta jinstab hati…'*

Illi l-imputata Rebecca Agius u l-imputata Rita Fenech gew mixlija bir-reat ta' ricettazzjoni minhabba l-allegat "assistenza" lil Lorenza Farrugia billi kellhom fil-pussess taghhom il-'mobile' misruq u obdew l-istruzzjonijiet taghha.

Ghal dak li jirrigwardja Rebecca Agius, din il-Qorti hi tal-fehma illi din l-imputata certament ma kellha **ebda ntenzjoni li xjentement** tilqa' ghandha jew b'xi mod tindahal biex tbiegh jew tmexxi l-'mobile' misruq ghaliex dan il-'mobile' misruq **gie litteralment mitfugh fid-direzzjoni taghha barra** fit-triq, u baqa' fil-pussess taghha momentarjament biss minhabba l-biza' tremend u l-ingenwita' taghha, fid-dawl ukoll tal-eta' tenera taghha.

Illi di piu', Rita Fenech, li del resto lanqas biss kienet fil-kumpanija ta' Farrugia u Agius, **certament ma setghetx kienet taf il-provenjenza ta' dan il-'mobile phone',** u obdiet struzzjoni ta' Lorenza Farrugia sabiex tircievi l-'mobile phone' li kienet ser tghaddilha Rebecca Agius punto e basta.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi, ghaldaqstant, din il-Qorti **ma tistax issib lill-imputati Rebecca Agius u Rita Fenech hatja tar-reat ta' ricettazzjoni, u ghaldaqstant tilliberahom minn kull akkuzi dedotti kontra taghhom**.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib **lill-imputata Lorenza Farrugia hatja tat-tieni akkuza**, u wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a) u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundannaha ghal tlettax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.** Il-Qorti qed tillibera lill-imputata Lorenza Farrugia mill-ewwel akkuza, li hija alternattiva ghat-tieni akkuza.

Din il-piena qed tinghata in vista tal-eta' tal-imputata; in vista tal-fatt illi r-resfurtiva giet ritornata lil sidha; u in vista

tal-fatt illi l-imgieba tal-imputata Farrugia wasslet sabiex jintefghu f'bahar ta' nkwiet liz-zewg imputati l-ohra ntortament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------